# KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA

29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512

TEL: 2168 0622

E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt

L-Imqabba Local Council


**Minuti tat-43 laqgħa tat-8 leġislatura tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba li nżammet il-Ħamis 23 ta' Ġunju 2022 fil-5:00 p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, 29, Triq il-Parroċċa, l-Imqabba.**

**Preżenti** :

| | |
|---|---|
| Grace Marie Zerafa | Sindku |
| Henry Zaffarese | Viċi-Sindku |
| Jonathan Dingli | Kunsillier |
| Owen Sciberras | Kunsillier |
| Raymond Decelis | Kunsillier |

**Uffiċċjal** :

| | |
|---|---|
| Fabian Mizzi | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

Is-Sindku ippresjediet il-laqgħa.

43.01 **Talba**

43.01.01 Il-laqgħa bdiet billi ntqalet it-talba mis-Sindku.

43.02 **Qari tal-ittri ta'apoloġiji**

43.02.01 Is-D.S.E. nforma li ma kienx hemm ittri ta'apoloġiji.

43.03 **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa numru 42**

43.03.01 Il-Minuti tal-laqgħa nru 42 ġew approvati unanimament. Il-Kunsillier Dingli ippropona u l- Viċi-Sindku ssekonda.

43.04 **Assenjar ta' Dekasteri lil Kunsillieri**

43.04.01 Is-Sindku bdiet billi tat merħba lill-Kunsillier R. Decelis li kien ġie *co-opted* sabiex jieħu post l-ex-Sindku li kien ġie elett bħala Membru Parlamentari. Hija spjegat li għal dan il-għan kienet għamlet xi tibdiliet fid-dekasteri tal-Kunsillieri li għal kumplament tal-leġislatura ser ikunu kif ġej :

Sindku – Infrastruttura, Proġetti, Anzjani, Komunitajiet u Qasam Soċjali

Vici Sindku – Ambjent, Kultura u Ħarsien tal-Annimali

J. Dingli – Indafa

O. Sciberras – Żgħażagħ u Tfal u Edukazzjoni

R. Decelis – Sports u Attivitajiet Fiżiċi, Innovazzjoni u Integrazzjoni Soċjali

43.05 **Komunikazzjoni mis-Sindku**

43.05.01 Is-Sindku spjegat li tinsab infurmata li mis-*survey* li kienu għamlu l-LESA, kien irriżulta li n-numru ta' *Heavy Vehicles* li kienu qed jgħaddu mill-Pjazza ma kienx wieħed kbir. Hija spjegat l-LESA kienu ser jgħaddulna kopja tar-riżultat ta' dan is-*Survey* u li deċiżjoni finali dwar x'ser issir ser tkun f'idejn il-Kunsill. Id-DSE informa li waqt laqgħa tar-Reġjun li kellu aktar kmieni llum, kien qed jiġi ssuġġerit li r-Reġjun jisponsorja 2 CCTV f'kull lokalita' u kien hemm qbil li jekk dan is-suġġeriment jimmaterjalizza, waħda minn dawn is-CCTV għanda tkun fil-Pjazza. Kien hemm qbil ukoll li għandhom jeħlu t-tabelli li jipprojbixxu *Heavy Vehicles*. Il-Kunsillier Decelis issuġġerixxa li fil-bidu li teħel is-CCTV, ma jinħarġux kontravenzjonijiet imma twissijiet biss.

43.05.02 Is-Sindku nfurmat li t-tindif permezz tal-ilma fi Triq il-Fjuri u Sqaq Nru 2 fi Triq Santa Katerina għandu jsir il-ġimgħa d-dieħla.

43.05.03 Is-Sindku nfurmat li wara diversi telefonati min naħa tagħha u tal-uffiċċju, finalment il-kuntrattur qata' l-ħaxix selvaġġ li kien hemm fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija.

43.05.04 Rigward il-bandla li takkomoda siġġu tar-roti u li ser teħel fi Ġnien Tfal ir-Raħal, konna għadna qed nistennew mingħand l-aġent sabiex ikun żgurat li din ma tkunx tħakkek mas-*safety material*.

43.05.05 Is-Sindku nfurmat li fil-ġranet li għaddew kien sar l-iffirmar tad-devoluzzjoni tal-barriera bejn l-Imqabba u l-Qrendi fejn ser isir Park Nazzjonali. Hija qalet li l-PARKS kienu ser jibdew jaħdmu fuq id-disinji u lejn l-aħħar ta' Ottubru għandha ssir preżentazzjoni ta' dawn id-disinji. Hija qalet li min ikollu xi suġġerimenti dwar x'għandu jkun inkluż f'dan il-*Park* għandu jgħaddihom l-uffiċċju sabiex ngħadduhom il-Ministeru. Il-Kunsillier Decelis insista li għandu jkun hemm ftehim dwar l-*upkeeping* tal-post ladarba jitlesta.

43.05.06 Rigward Ġnien Mikelanġ Sapiano, is-Sindku nfurmat li l-funtana kienet weħlet però l-pompa kienet marret. Kien hemm qbil li tinxtara pompa oħra kif ukoll li jinxtara l-*chlorine* sabiex l-ilma jinżamm dejjem nadif. Is-Sindku tat dettalji dwar l-*issue* tad-dawl fil-funtana u kien hemm diskussjoni wara li l-Kunsillier Dingli għamel xi kontra-argumenti. Finalment kien hemm qbil li għandna niċċekkjaw jekk hux possibbli li jkun hemm dawl fuq kull platt jew mad-dawra tal-vaska fuq ġewwa però ġie deċiż li l-prijorità tad-dawl għandha tkun fuq il-bust ta' Sapiano u mhux il-funtana.

43.05.07 Is-Sindku infurmat li għandha konferma li Triq Baskal Xuereb u Sqaq Buħar kienu ser isiru din is-sena minn IM.

43.05.08 Is-Sindku spjegat li kellha laqgha ma' uffiċċjali minn *Heritage Malta* dwar il-ħsara li qed issir mill-*pots* fli hemm fuq il-katakombi. Hija qalet li *Heritage Malta* kienu

ser ikellmu lis-sidien sabiex ineħħu dawn il-*pots* u issuġġeriet li minflok isiru xi *planters* però qamet il-problema ta' min kien ser isaqqi dawn il-*planters*.

43.05.09 Is-Sindku infurmat li kienet irċeviet ilmenti dwar kongestjoni ta' traffiku fi Triq Alfons Caruana u kellha talba sabiex din it-triq issir *One Way*. Ġie deċiż li peress li fil-futur qarib kamra li hemm f'nofs din it-triq għandha titwaqqa u t-triq titwessa, għalissa ma jsir xejn.

43.05.10 Rigward il-Ħajt tal-Matla, s-Sindku nfurmat li kellha konferma li r-rapport kien wasal għand l-arkeologista u li issa kien għad jonqos li jiġi deċiż kif ser tissewwa l-ħsara li saret.

43.05.11 Is-Sindku nfurmat li kienet irċeviet talba sabiex l-*iSpeed Limit* fil-parti t'isfel ta' Sqaq l-Isptar isir 30 km/h. Ġie deċiż li din it-talba tiġi riferuta lil TM.

43.05.12 Is-Sindku nfurmat li l-kuntrattur il-ġdid tal-ġonna kien beda u li sa issa kien miexi tajjeb.

43.05.13 Is-Sindku nfurmat li kienet ġiet avviċinata minn resident li xtaq jirranġa l-bankina quddiem ir-residenza tiegħu fi Triq il-Murselli minħabba tieġ tal-familja. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni għal din it-talba.

43.05.14 Is-Sindku nfurmat li ftit jiem qabel il-festa tal-Madonna tal-Ġilju, kienu avviċinawha xi residenti sabiex jinqata l-ħaxix minn fuq il-ġibjun fi Triq Ġanni Darmanin qabel il-ħruq tan-nar. Hija spjegat li kienet kellmet lill-*Lands* iżda dawn qalulha li m'għandhomx biex jaħdmuh u għalhekk wara kellmet lill-Onor. Zrinzo Azzopardi li min naħa tiegħu bgħat xi ħaddiema tal-PWD sabiex jaqtgħu il-ħaxix iżda minkejja dan, xorta kien hemm xi ħruq żgħir. Ġie deċiż li għal sena oħra, nkellmu lid-Dipt. tal-Artijiet sabiex jieħdu ħsieb din l-*issue* huma bħala s-sidien tal-art.

43.05.15 Is-Sindku nfurmat li kienet irċeviet talba sabiex issir *sleeping policeman* fil-bidu ta' Triq id-9 t'April. Ġie deċiż li niktbu lir-residenti għall-opinjoni tagħhom qabel nagħmlu t-talba lil TM.

43.05.16 Is-Sindku nfurmat li kienet irċeviet ilmenti dwar ipparkjar ta' vetturi fi Sqaq Nru 2 fi Triq il-Parrocca. Ġie deċiż li nitolbu lil TM sabiex tawtorizza *No W*aiting f'dan l-isqaq.

43.05.17 Is-Sindku nfurmat li fl-20 ta' Lulju kienet ser tiġi organizzata ħarġa oħra għal Għawdex.

43.05.18 Is-Sindku għamlet kjarifika dwar xi insinwazzjonijiet li saru fil-konfront tagħha dwar meta ser jinxtgħel id-dawl fit-Triq tas-Siġar. Hija spjegat lil-Perit ta' IM kien informa kemm lilha u kemm lid-DSE li sabiex jinxtgħel id-dawl, kien hemm bżonn, li t-triq għandha tingħalaq għal iktar minn ġurnata sabiex jissewwew il-ħsarat u peress li kienet il-ġimgħa tal-festa, kien hemm qbil li x-xogħol isir wara.

43.06 **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

43.06.01 Il-Viċi Sindku ressaq ilment dwar sprall li jċekċek fi Triq Nazzarenu. Is-Sindku nfurmat li diġa tkellemet ma' TM fuq dan il-każ u nfurmawha illi l-kuntrattur kien ser jirranġa l-ħsara.

43.06.02 Il-Kunsillier Dingli staqsa dwar ir-*roadmarkings* fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija lejn Triq il-Kileb u s-Sindku nfurmat li l-informazzjoni li kellha kienet li dawn saru hekk minħabba raġunijiet ta' *Safety*. Hija qalet li kienet diġa tat struzzjonijiet lill-uffiċċju sabiex napplikaw ma' TM.

43.06.03 Il-Kunsillier Dingli staqsa jekk il-kuntrattur tal-Latrina setgħax jagħmel sub-*contracting* peress li kien infurmat li kien qed iqabbad lil xi resident sabiex jeħodlu ħsiebha. Id-DSE għandu jiċċekkja dwar dan.

43.06.04 Il-Kunsillier Dingli staqsa kif konna bqajna dwar l-għeluq tal-bokkok tal-ġibjun il-ġdid. Id-DSE spjega li preżentement hemm *issue* mal-Awtorità' tal-Ippjanar dwar il-permess u li malli din il-materja tissolva, l-bokkok jingħalqu.

43.06.05 Il-Kunsillier Dingli staqsa għaliex il-Paġna ta' FB tal-Kunsill ma kienitx qed tkun aġġornata bħal qabel u d-DSE informa li kienet minħabba nuqqas ta' hin.

43.06.06 Il-Kunsillier Dingli staqsa dwar *update* rigward l-APP li kienet qed issir għall-Kunsill u d-DSE informa li kien ser ikellem lid-*developer*.

43.06.07 Il-Kunsillier Sciberras talab *update* dwar tranġar ta' bankina fi Triq Valletta u d-DSE informa li din kienet għadha ma saritx għax ma kienx għadu iltaqa' mal-kuntrattur sabiex jurih fejn. Kien hemm qbil li l-kuntrattur jiltaqa' mill-ewwel mal-Kunsillier Sciberras.

43.06.08 Il-Kunsillier Sciberras ressaq ilment dwar karozzi li qed iħokku l-qiegħ fi Sqaq l-Isptar. Dwar dan għandha ssir laqgħa fuq il-post bejn il-kuntrattur u l-Kunsillier Sciberras sabiex tinstab soluzzjoni.

43.06.09 Il-Kunsillier Sciberras talab update dwar bdil u re-*location* ta' bozza fi Triq tal-Isqof u d-DSE informa li kien ser jiċċekkja mal-*istaff* dwar il-każ.

43.06.10 Il-Kunsillier Sciberras ressaq talba għal-DYL fi Triq tal-Mentna faċċata ta' *garage* peress li bil-karozzi pparkjati mhux qed ikunu jistgħu joħorġu. Kien hemm qbil li ssir talba f'dan is-sens lil-TM.

43.06.11 Il-Kunsillier Sciberras ilmenta li kien hemm okkażjonijiet fejn il-latrina ingħalqet qabel il-ħin. Id-DSE talab lill-Kunsillieri sabiex jinformawh immedjatament meta jsiru jafu li ġara hekk sabiex jinforma lill-kuntrattur u fejn hemm bżonn tinħareġ *default notice*.

43.06.12 Il-Kunsillier Sciberras talab *update* dwar ħajt imwaqqa fi Triq it-Torri Vincenti. Id-DSE informa li kien diġà sar rapport lil-Pulizija iżda peress li ma sar xejn kien ser jerġa jiktbilhom.

43.06.13 Il-Kunsillier Decelis ressaq talba għal *Bus Shelter* fi Triq il-Qrendi. Id-DSE informa li kienet saret talba f'dan is-sens iktar minn sena ilu u fiċ-ċirkostanzi kien ser jibgħat *reminder* u jitlob *update*.

43.06.14 Il-Kunsillier Decelis informa li kien irċieva talba sabiex isir bank ħdejn il-Kappella ta' Santa Katerina. Ġie deċiż li naraw jekk huwiex possibbli li jsir wieħed tal-ġebel kif ukoll li jsir bank ieħor fil-Pjazza taħt il-ħarruba

43.06.15 Il-Kunsillier Decelis semma l-*issue* tal-*One Way* fi Triq Kirkop. Wara diskussjoni ġie deċiż li hux possibbli li nibdlu r-rotta bi ftehim mal-Kunsill Lokali taż-Żurrieq.

43.06.16 Il-Kunsillier Decelis issuġġerixxa li r-*roundabout* li hemm impinġija fl-art fi Pjazza Ġublew tad-Djamanti ssir daqsxejn għolja sabiex il-vetturi jduru verament magħha. Dwar dan kien hemm qbil u ser inkellmu lill-Perit Bonnici ta' IM.

43.07 **Korrispondenza, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet**

43.07.01 Korrispondenza mingħand BCRS Malta rigward il-ħsejjes li jagħmlu r-*Reverse Vending Machines*. Fiċ-ċirkostanzi ġie deċiż li nissuġġerixxu li din issir ħdejn il-Club tal-Football però l-ewwel għandna nġibu konferma li l-art hija tagħhom.

43.07.02 Korrispondenza mingħand l-Ispettur Cremona fejn intalbet laqgħa dwar l-introduzzjoni tal-*Community Policing*. Ġie deċiż li nissuġġerixxu it-8, 15 u 22 ta' Lulju fit-3.00 pm

43.07.03 Korrispondenza mingħand il-PWD rigward it-tħawwil ta' 12-il-siġra taż-żebbuġ fejn il-ġibjun il-ġdid u sabiex il-Kunsill jieħu ħsieb li jsaqqihom. Il-Kunsill unanimament qabel li m'għandux ir-riżorsi sabiex ikun jista' jagħmel dan. Is-Sindku qalet li kellmet lil Ministru dwar dan u sabiex ikun hemm sistema ta' *water irrigation* mill-istess ġibjun kif anke kien issuġġeriet mill-Kunsillier Sciberras.

43.07.04 Id-DSE informa li t-tender tal-Perit tagħlaq fit-22 ta' Lulju fid-09:30 ta' fil-għodu u kien hemm qbil li idealment il-laqgħa ta' aġġudikazzjoni ssir viċin din id-data.

***Peress li kienu għaddew 3 siegħat mill-bidu tal-laqgħa, d-DSE staqsa lill-membri jekk kienx hemm qbil li l-laqgħa titkompla u dwar dan kien hemm qbil unanimu.***

43.07.05 Korrispondenza mingħand il-GAL Xlokk fejn ġejna nfurmati li taħt *Measure 4* ghad hemm il-possibilità li wieħed japplika għall-fondi. Ġie deċiż li jekk ikun possibbli, napplikaw sabiex isiru *bark chips* jew *White Thasos* fejn sar il-proġett tal-*Green Infrastructure* fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija.

29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512

TEL: 2168 0622

E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt

L-Imqabba Local Council


43.07.06 Korrispondenza mingħand ir-Regjun Punent dwar laqgħa dwar l-Istrateġija Kulturali Reġjonali li ser issir fil-5 ta' Lulju ġewwa Ħal Safi. Is-Sindku, Viċi Sindku u d-DSE għandhom jattendu.

43.07.07 Korrispondenza mingħand stabbiliment fir-raħal li għamel tabelli ta' riklamar mingħajr permess. Ġie deċiż li nitolbuħ sabiex jaqlagħhom u nispjegawlu li llum il-ġurnata ma tantx hemm post fejn isir riklamar u li jekk jinstab post dan isir hemm ħlas marbut miegħu.

43.07.08 Korrispondenza mill-uffiċċju tal-Onor. Ministru M. Dalli fejn ġie ssuġġerit li l-laqgħa mal-Ministru ssir il-Ħamis 21 ta' Lulju fis-2.00 pm. Il-Kunsill ikkonferma din id-data.

43.07.09 Korrispondenza mingħand id-DLG dwar Fond ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Centrali. Il-Kunsill ser jara jekk għandux proġetti eliġibbli taħt dan il-Fond.

43.07.10 Korrispondenza mingħand resident fejn talab lil-Kunsill sabiex joġġezzjona għal applikazzjoni PA03842/22 peress li jekk isir l-iżvilupp propost (ftuħ *ta'garage*), dan jista' jħalli konsegwenzi negattivi fuq il-propjetà tiegħu u f'każ illi l-bankina tkun trid issir hekk kif approvat minn TM, din ma tkunx tista' ssir. Fuq dan il-każ kien hemm korrispondenza oħra mingħand residenta li qed tgħid illi jekk dan jiġi approvat kien se jkun qed jintilef il-parkeġġ. Is-Sindku qalet illi hija tħoss li mhux se jintilef parkeġġ peress li hemm wisa' biżżejjed. Minn naħa l-oħra l-Kunsillieri qalu li iva se jkun qed jintilef parkeġġ għaliex it-triq żgur li mhux se tkun qed tippermetti. Wara diskussjoni kien hemm qbil li l-Kunsill għandu joġġezzjona fuq dawn il-linji.

43.07.11 Korrispondenza mingħand residenta fejn talbet lill-Kunsill sabiex joġġezzjona għall-applikazzjoni PA4199/22. Wara diskussjoni ġie deċiż li l-Kunsill ma għandux joġġezzjona għaliex hija l-Awtorità tal-Ippjanar li trid tara li art pubblika ma titteħidx mill-privat u mhux il-Kunsill.

Korrispondenza mingħand residenta li qed toġġezzjona għal *crusher*. Dwar dan is-Sindku qalet illi l-applikant kien tkellem magħha u qalilha sabiex qabel ma tittieħed xi deċiżjoni, huwa xtaq li jiltaqa' mal-Kunsill. Hija qalet illi bħala Kunsill għandna nagħtuh dan iċ-ċans. Dwar dan kien hemm qbil unanimu u se nitolbu li niltaqgħu miegħu fil-jiem li ġejjin.

43.07.12 Korrispondenza mingħand l-Awtorità tal-Ippjanar dwar 3 applikazzjonijiet li hemm pendenti quddiema. Filwaqt li dwar waħda minnhom il-Kunsill diġà oġġezzjona, dwar oħra iddeċieda aktar il-fuq li joġġezzjona u dwar l-aħħar waħda ġie deċiż li l-Kunsill jagħmel laqgħa mal-applikant sabiex jisma l-verżjoni tiegħu.

43.07.13 Korrispondenza mingħand il-Viċi Sindku dwar talba għal *markings* u *traffic calming measures* oħra fis-*side roads* tal-*bypass*. Ġie deċiż li nitolbu l-parir ta' TM dwar x'jista' jsir.

43.07.14 Korrispondenza mingħand l-OPM, TM u l-AKL dwar *Double Yellow Line* fi Triq Mikelina Galea. Wara li ġie spjegat il-każ speċjalment għall-benefiċċju tal-Kunsillier Decelis, il-Kunsill irrijarfferma dak li kien iddeċieda dwaru is-sena l-oħra u jħoss li min naħa tiegħu il-każ huwa wieħed magħluq.

***Il-Kunsillier Dingli ħalla l-laqgħa fid-9:13 pm minħabba raġunijiet personali***

43.07.15 Korrispondenza mingħand il-Ministeru għall-Enerġija, l-Intrapriża u l-Iżvilupp Sostenibbli dwar il-post fejn ser isir *Charging Pillars* matul l-2022. Il-Kunsill approva unanimament il-postijiet indikati.

43.07.16 Ġew ippreżentati l-kwotazzjonijiet għax-xiri ta' RGB *wallwasher* u kien hemm qbil li tingħażel l-offerta ta' IML Electric peress li kienet l-unika waħda skont l-ispeċifikazzjonijiet li tlabna.

43.08 **Attività Kulturali**

43.08.01 Peress li kien sar il-ħin, kien hemm qbil li din il-materja tiġi diskussa f'laqgħa oħra.

43.09 **Festa Santa Marija**

43.09.01 Ġie ratifikat dak kollu li kien hemm qbil dwaru mas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V waqt il-laqgħa li saret magħhom ftit ġranet ilu dwar il-festa ta' din is-sena fosthom li tingħalaq Triq il-Karmnu mill-bidu ta' Lulju minħabba xogħol li jrid fuq il-planċier peress li nbidel il-wiċċ tal-Pjazza u hemm ħafna diżlivelli. Il-Kunsill ħass li l-każ huwa ġustifikat.

43.10 **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti numru 08/432**

43.10.01 L-iskeda tal-pagamenti nru 08/43 ġiet approvata unanimament.

43.10.02 Il-lista tal-infieq li sar mill-*Petty Cash* matul Mejju 2022 ġiet approvata unanimament.

43.11 **Tmiem tal-laqgħa u qbil fuq data u ħin tal-laqgħa li jmiss**

43.11.01 Il-laqgħa ntemmet fid-9:35 pm u ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir il-Ħamis 14 ta' Lulju fis-6:00 pm

Konfermati illum il-Ħamis 14 ta' Lulju 2022.

| | |
|---|---|
| Grace Marie Zerafa | Fabian Mizzi |
| Sindku | Deputat Segretarju Eżekuttiv |